Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **41** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | *Membri* |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |

### *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 40.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Data għal Laqgħa Pubblika Anwali.
6. Approvazzjoni tal-Budget għas-sena finanzjarja 2016.
7. Approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart Ottubru sa Diċembru 2015.
8. Mistoqsijiet.
9. Mozzjonijiet.
10. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
11. Aġġornament.

Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree` Attard

Councillors
John Baptist Camilleri
Charlot Mifsud
Charlot Cassar
Elisabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri
Sandro Gatt

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 40(1) tal-15 ta' Diċembru 2015:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal artiklu #1,3 ta' paġna 2 għandu jinbidel u jinqara kif ġej :

*"Is-Sindku qal illi is-Sur Yosef Al-Hroub ikkonferma illi l-bini tal-Kunsill ser jibnuhom l-investituri bla ħlas. Is-Sindku qal illi Allaħares jekk il-permessi joħorġu, s-Sur Yousef Al Hroub imur lura minn kelmtu u Allaħares dan il-proġett ma jsirx hawnhekk."*

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ppropioniet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ssekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 40(1) tal-15 ta' Diċembru 2015:**

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq atiklu 4.3 ta' paġna 12 fejn qal illi l-kollettur tal-iskart biddel it-trakkijiet tiegħu għal euro 4 kif kien mitlub skond il-kuntratt.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq artiklu 4.4 ta' paġna 13 fejn staqsa jekk il-kuntrattur tal-knies irregolax ruħu u qed jiġu erba` ħaddiema jiffirmaw.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-mara tal-kuntrattur qed tiġi tiffirma ukoll diment li hija qed taħdem ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar illi wieħed milli jiġi jiffirma huwa Malti u meta wieħed jdur iż-żoni skond il-ġranet stipulati fil-kuntratt sabiex jsir il-knies, qatt ma tara din il-persuna Maltija. Huwa kompla jgħid illi għandna nkunu nafu min hija din il-persuna Maltija li hemm isimha imniżżel bħala firmatarja. Huwa żied jgħid illi lejliet l-ewwel tas-sena kelna ilment fejn l-istess kuntratt ġie u ġabar tabella mill-ewwel.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lil kuntrattur sabiex jgħidilna minn hija l-persuna il-Maltija u jassigura li taħdem iż-żoni li għandu assenjat skond il-kuntratt.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fis-6.15pm***

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cianatr tkellem fuq artiklu 3.10 ta paġna 11 fejn qal li qed jkollna ħafna ilmenti mir-residenti rigward is-servizz tat-trsport pubbliku, speċjalment mill-istudenti. Huwa kompla jgħid illi ż-Żonqor qed jwaqfuhom iktar l-isfel mill-istage.

Is-Sindku qal illi fejn qabel in-nies kienu jistennew fuq l-*istage,* issa il-karozzi tal-linja qed jibqgħu għaddejjien u jħallu lin-nies fuq l-*istage* jistennew, anke ġieli baqgħu jistennew siegħa sabiex tgħaddi karozza oħra. Huwa kompla jgħid illi din ma tgħamilx sens meta jkollok xi 7 karozzi tal-linja wieqfa ġol *bus terminus* u ċertu nies jitħallew jistennew fuq l-*istages.* Huwa qal ukoll illi anke fuq il-karozza li tieħdok l-isptar qed ikollna ħafna ilmenti li qed iddum ħafna biex tasal l-isptar peress li tawlu r-rotta.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lil TMalta bl-ilment kollha kif ukoll issir laqgħa mas-Sur Pierre Vella l-kordinatur tat-TMalta fejn jidħol it-Trasport Pubbliku.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal laqgħa fis-6.19pm.***

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq paġna 4 punt #2.1.6 jekk il-minuti tal-laqgħa li kellu l-Kunsill mal-investituri tal-universita` proposta fiż-Żonqor kienux ittellgħu *online.*

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-Kunsill huwa obligat li jtellgħa biss il-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill *online* fuq is-sit tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jtella dawn il-minuti *online* fuq is-sit tal-Kunsill ta' Marsaskala.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 4 artiklu 2.1.6 fejn qal li fl-aħħar laqgħa qishom ħarġu xi affarijiet rigward dan l-iżvilupp illi ma konniex infurmati fuqhom bħal eżempju *commercial outlets* u *berthing facilities.*

Is-Sindku qal li dawn huma *project related* u rigward ċertu stabbilimenti kummerċjali ikunu ġol bini tal-universita` bħal *tuc shop* jew *canteen* iżda rigward il-*berthing facilities* huwa qal li għad ma issemma xejn.

Il-Kunsill qabel li nistennew li tiġi sottomessa l-applikazzjoni mil-iżviluppatur imbagħad wieħed jkun jista jitkellem aħjar.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq punt #3.15 ta' paġna 12 fejn spjega illi l-problema rigward l-arbli fi Triq Apap Bologna ser tissolva u l-arbli mhux ser jinqgħalu iżda ser titwessa il-bankina u mhux għas-spejjeż tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi meta konna iċċekjana mad-Dipartiment tal-Artijiet jekk iż-żonż ta' fejn hemm is-*substation* fi Triq Lorry Sant hijiex privata jew tal-gvern kienu qalulna illi dik hija privata, mentri fil-verita hija tal-gvern u li kieku stajna utilizżajniha aħjar.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud daħal għal laqgħa fis-6.32pm***

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa fuq paġna 9 punt # 3.5 fejn xtaq jkun jaf jekk kellniex risposta mingħand id-Dipartiment tal-Kunsill Lokali jekk is-Sur Neville Schembri jistax juża l-indirizz tal-Kunsill bħala ndirizz postali.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ittra bgħatnija u anke ċempel iżda s'issa ma konnies irċevejna risposta.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nerġgħu nibagħtu reminder lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Żieda fin-notch tal-impjegata is-Sinjura Claire Attard:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi s-Sinjura Claire Attard għanda ż-żieda fin-*notch* li ser tiprogressa għan-*notch* 6 f'Jannar 2016.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.2* **Memo 1/2016 – Rapport tal-Uffiċċju tal-Verifika (NAO) 2014 (35/0060/16/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera rigward ir-rapport tal-awdituri għas-sena 2014. Huwa spjega illi wara li l-awdituri joħorġu r-rapport tagħhom aħna ngħaddu l-kummenti sabiex jinħareġ ir-rapport finali. Huwa kompla jgħid illi fir-rapport hemm imniżżel illi l-Kunsill għamel deficit ta' €107,656 għas-sena finanzjarja 2014. Huwa qal li ħassu urtatat meta ra din il-figura għaliex fil-verita` din il-figura fija d-differenza tat-*tipping fees* tal-Wasteserv, fejn il-Kunsill jħallas skond l-allokazjoni provduta mill-Gvern Ċentrali u mhux skond l-ammont tal-*invoice*. Kif ukoll il-proġetti li huwa ffinanzjati mill-unjoni ewropeja jaffettwaw il-*cash flow* u jkollom id-*depreciation*.

Is-Segretarju Eżekuttiv saħaq illi l-*Financial Situation Indicator* tal-Kunsill huwa tajjeb ħafna peress li huwa iktar minn 55%.

Il-Kunsill qabel illi jiddiskutu din il-materja iktar tard peress li ser jkun hemm preżenti l-*accountant* tal-Kunsill.

3.3 **Dawl tal-Milied:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi d-dawl tal-Milied ta' din is-sena kien hemm ftit armat fejn snin ta qabel. Huwa qal li għal din is-sena ma kienx hemm fustun.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jaqbel ma dak li kien qed jgħid il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nkelmu lil Wasteserv għas-sena d-dieħla.

3.4 **Applikazzjoni l-Mepa dwar Ġnien fi Triq iż-Żonqor:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Perit għamel l-istimi tal-proġett tal-bandli taż-Żonqor, bl-iskavar għal garaxx. Huwa qal li l-Mepa qaltlina illi garaxx jista jsir iżda mhux taħt iż-żona kollha. Huwa kompla jispjega illi bl-istima, l-Mepa jistgħu jgħidluna liema spejjeż ser jkopru minn dan il-proġett bil-fondi tal-UIF.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet kemm għad fadlilna fondi tal-UIF.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi għandna €250,000 iżda €30,000 huwa ibbaġitjati għad-dawl ornamentali li l-Kunsill preżentament qed japplika għalih.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fl-opinjoni tiegħu l-istima ta €341,675,70 hija għolja ħafna u dawn il-fondi jistgħu jintefqu fi proġetti oħra u mhux proġett wieħed. Huwa kompla jispjega illi meta kien ħareġ bl-idea tal-garaxx qatt ma ried illi l-area ta' fejn jilgħabu it-tfal tonqos kif hemm indikat fil-pjanti.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi fl-opinjoni tiegħu, ċertu affarijiet fl-istima huma eċċessivament għoljin bħal l-iskavar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ukoll irridu nitolbu għad-devoluzzjoni tal-art u jkollna kerha li rridu nħalsu kull sena.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi peress dan il-ġnien huwa *open space* nistgħu nġibu il-fondi mill-unjoni ewropeja.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi trid tapplika għal ERDF u mill-esperjenza li għandu minn proġett ieħor, jirrikjedu ħafna ħin u għandhom ħafna kumplikazzjonijiet.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk hux ser nikkonsultaw mar-residenti dwar dan il-proġett.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet li tkun idea tajba jekk nitkelmu fuq dan il-ġnien fil-laqgħa pubblika.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nistiednu lir-residenti tal-madwar u ninfurmawhom illi din il-materija ser tiġi diskussa fil-laqgħa pubblika.

Is-Sindku qal illi jekk dan il-proġett jridu li jlestuh sas-sajf li ġej mhux ha jkun possibli illi jsir l-iskavar u l-garaxx.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nerġu niltaqgħu mal-Perit jew is-Sibt jew inkella fost il-ġimgħa wara l-5.00pm sabiex il-Kunsilliera jkunu jistgħu jattendu għal din il-laqgħa.

3.5 **Rapport wara l-laqgħa dwar il-Magħluq ta' Marsaskala:**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifusd qal li kien attenda għal din il-laqgħa fejn spjega illi ma kienx hemm żvilluppi ġodda u qalulu illi l-papri ma jistgħux jaqbduhom u l-aħħar alternattiva hija li jillupjawhom sabiex jkunu jistgħu jaqbduhom.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li ftit tax-xhur ilhu, l-Mepa kienu ħarġu dokument fuq dan il-proġett u wara dawn ix-xhur kollha għadna fejn konna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa tal-opinjoni illi issir stqarrija għal-istampa.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex issir stqarrija għal-istampa u nistiednu l-media kollha għal nhar is-Sibt 27 ta' Frar fl-10.00am ħdejn il-Magħluq fejn kien hemm l-għassa tal-Puluzija.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fis-7.16pm***
- **Intalbet sospenzjoni tar-regolamenti**

3.2* **Memo 1/2016 – Rapport tal-Uffiċċju tal-Verifa (NAO) 2014 (35/0060/16/I):** ħa

Is-Segretarju Eżekuttiv stieden lil-Accountant tal-Kunsilli s-Sinjura Doreen Mintoff u staqsija sabiex tispjega d-*deficit* li qed jitkellmu fuqu fir-rapport tal-awditur li jammonta għal €107,656 għas-sena 2014.

Is-Sinjura Mintoff qalet li din il-figura tinkorpora fija t-*tipping fees* tal-Wasteserv jiġifieri id-differenza tal-*invoice* attwali u kemm inħalsu aħna skond it-*tipping fees*, kif ukoll jkun hemm id-*depreciation* tal-proġetti kollha li għamilna. Hija kompliet tispjega illi l-Kunsill għalaq is-sena b'ammont ta' flus fil-kontijiet bankariji u għaldaqstant qatt ma jista jkun li jkun li għamel *deficit*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li għandna ninfurmaw lid-Dipartiment tal-Kunsill dwar dan ir-rapport u ngħatu l-ispjegazzjonijiet tagħna ħalli jekk tiġi persuna waqt il-laqgħa annwali u tgħidilna illi l-Kunsill għalaq bid-*deficit* nkunu nistgħu niċċaraw l-affarijiet.

Il-Kunsill qabel unanimanet sabiex niktbu lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali

7.0 **<u>Approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart Ottubru sa Diċembru 2015:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li *cash basis* fuq infieq għas-sena 2015, il-Kunsill nefaq €60,000 inqas mid-dħul għal istess sena finanzjarja 2015.

Is-Sinjura Mintoff qalet illi kull Kunsill suppost jgħalaq is-sena finazjarja tiegħu b'*cash flow* ta' 10% mill-allokazzjoni annwali, iżda fil-każ tal-Kunsill ta' Marsaskala għalaqna b'*cash flow* ta' 50% u dan minħabba li l-Kunsill għandu fondi li kienu nġabru fil-passat..

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi biex sa Marzu issir Triq tal-Gardiel bit-tarmak, l-kuntrattur Karmig li huwa responsabbli mill-bankini ma nistgħux ntuħ xogħol iktar għaliex diġa eżawrixxejna l-*budget* għal din is-sena.

Is-Sinjura Mintoff qalet li kien hemm żieda ta 2% bejn id-dħul u bejn dak li kien ibbaġitjat. Hija spejgat illi din iż-żeida ġiet mill-flus li tħalsu fuq id-differenza tat-*tipping fees* mid-Dipartiment, kellna dħul mil-MTA rigward il-globi, dħul minn atttvita` tal-Flamingo night, dħul mill-Measure 125 u dħul mill-permessi minħabba r-riforma li saret fil-*budget* u kien hemm tnaqqis fis-salarji peress li kellna impjegata bl-*unpaid* u l-impjegata taħt l-iskema tas-CIES naqset is-siegħat.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li aħjar jekk il-gwardjani lokali jduru madwar il-lokal jaraw kemm kien hawn persuni li jkollom il-krejn mingħajr permess għaliex dawn suppost li jagħmlu l-permess mal-Kunsill. Huwa kompla jgħid illi qabel li nawtorizzaw *works order* fuq bankini, l-ewwel għanda titressaq it-talba lil Kunsill u l-ammont tal-metri li qed jintalab biex isir.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntrattur Karmig kif jlesti li qed jgħamel, għal din is-sena mhux ħa jifdal flus allokati lilhu. Kif ilesti għandha ssir l-invoice ħalli naraw jekk ikun għadx fadal fondi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk jkun hemm każ li kuntrattur jaqbeż l-ammont li jkollu allokat lilhu s-Segretarju Eżekuttuv għandu jgħid lill-Kunsilliera mill liema fond ser jintaqsu sabiex jkun jista jkompli b'xogħol ulterjuri.

***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart bejn Ottubru u Diċembru 2015 u l-Kunsilllier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

6.0 ***<u>Approvazzjoni tal-Budget għas-sena finanzjarja 2016:</u>***

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bħala allokazjoni għas-sena 2016 rċevejna €19,364 iktar mis-sena 2015. Huwa kompla jgħid illi l-Kunsill ta' Marsaskala bħala Kunsill huwa wieħed mill-aħjar Kunsill fejn jidħol is-servizz ta' Bulky Refuse u Skart. Huwa kompla jgħid illi biex tagħti serviżż impekkabli jiswa ammont sostenzjali ta' flus u mhux ser jifdlilna ħafna flus biex nkunu nistgħu ngħamlu l-bankini għas-sena 2016. Huwa kompla jispjega illi jekk il-Kunsill jaqbel jista jiddeċiedi illi ma niġbrux l-iskart kull nhar ta' Ħadd sabiex nifrankaw ftit flus. Apparti minn hekk huwa kompla jispjega li jekk innaqsu s-servizz tal-Ħadd inaqqsu ukoll mill-ispejjeż tal-iskart li jidħol il-Wasteserv.

Is-Sidnku qal li r-riforma għanda tibda fil-futur qrib u għaldaqstant huwa tal-opinjoni li nħallu kollox kif inhu.

Is-Sinjura Mintoff qalet illi jekk il-Kunsill jneħħi s-servizz tal-iskart tal-Ħadd jkun qed inaqqas l-ispejjeż b'14% mill-allokazzjoni annwali tal-*bulky refuse*, tal-iskart u l-Wasteserv. Hija kompliet tgħid li dan jammonta għal madwar €17,000.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li lokalita` bħal ta' Sliema l-iskart darbtejn fil-ġimgħa ma jinġabarx u rridu nibdew nedukaw lin-nies minn issa.

Il-Kunsill qabel unanimament li nibqu bis-servizz kif inhu.

6.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-bieraħ rċieva *works orders* mill-Kunsill tat-toroq li ser jsiru u ma qabilx illi ħarġet *works orders* meta kienu ser jiddiskutu l-budget. Huwa kompla jgħid illi huwa tal-idea illi minflok jintefaq ammont sostanzjali fi Triq tal-Gardiel, minflok għandu jsir *patching* f'diversi toroq bħal Triq is-Salvja, Triq La Sengle, Pjazza Dun Tarcis Aguis, Triq iż-Żonqor, Bellavista u ħafna toroq oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ispiża biex issir Triq tal-Gardiel ser tkun iktar minn dak li bassar għaliex irid jinqala r-*retaining* wall għaliex il-bażi tat-triq mhux soda u dan skond spezzjoni fuq il-post li saret flimkien mal-Perit u mal-kuntrattur tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li inutli issir biċċa żgħira fi Triq tal-Gardiel u ma jsirux it-toroq tal-madwar ukoll u l-area tal-bajja. Huwa qal li għandna nitolbu lil Gvern Ċentrali sabiex issir Triq tal-Gardiel u t-toroq tal-madwar bħala proġett ħolistiku. Huwa kompla jispjega illi nistgħu nitolbu lill-Kumitat Konsultattiv tan-Nofs ta' Nhar ta' Malta u kif ukoll lil Kunsill Żoni Turistiċi.

Il-Kunsill qabel unanimament illi Triq tal-Gardiel ma ssirx u jsir *patching* bil-*hot asphalt* f'diversi toroq oħra. Il-Kunsill qabel ukoll li għanda niktbu lil Gvern Ċentrali, lil Kumitat Konsultattiv tan-Nofs ta' Nhar ta Malta u lil Kunsill Żoni Turistiċi sabiex nitolbu l-għajnuna biex Triq tal-Gardiel u t-toroq tal-madwar flimkien mal-area tal-bajja issir min naħa tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li Triq il-Qaliet mill-JS Ironmongery sa fejn għamilna qiegħda fi stat ħażin ħafna u anke Triq il-Batterija taż-Żonqor għandha bżonn jsirilha l-*patching.*

Il-Kunsill qabel unanimament bl-approvazzjoni tal-*budget* għas-sena 2016 kif emendat.

3.6 **<u>Proposta ta' one way fi Triq in-Nadur:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk il-Perit kienx ħejja pjanta bil-*one way system*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ma kienx ħejja pjanta minħabba li kellha tarġa titressaq għal din is-seduta tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu lill-Perit sabiex jħejji pjanta tat-traffiku eżistenti u proposti kif tista tiġi introdotta sistema ta' *one way* fi Triq in-Nadur.

3.7 **<u>Riżultati tas-survey dwar il-magażin tal-Kunsill:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi ġabar l-informazzjoni tal-istatistika li konna tlabna fuq il-magażin tal-Kunsill, fejn staqsejna fost affarijiet oħra jekk jipreferux l-magażin

bil-Malti jew bl-Ingliż jew bit-tnejn. Huwa kompla jispjega illi kellna biss 16 il-suġġeriment fejn ġie riżultat illi 5 persuni preferewh bl-ingliż, 4 persuni preferewh bil-Malti, 4 persuni ppreferewh biż-żewġ lingwi u 3 persuni kellhom suġġerimenti oħra.

Il-Kunsill qabel li tiġi kkunsidrata iktar il-quddiem minħabba l-ispejjeż li jinvolvu.

3.8 **<u>Proposta għal latrini ġodda f'San Tumas:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-MTA kienu qed jitolbu sabiex issir *refurbishment* fuq il-latrina ta' San Tumas u qed jitolbu sabiex jittieħed spazju mill-latrini għal *life guards.* Huwa kompla jispjega li l-ispejjeż għar-*refurbishment* ser joħorġuhom l-MTA. Huwa kompla jgħid illi qed jinnota illi fil-pjanti proposti mhux indikat l-ispazju li qed jitolbu li jieħdu għal *life guards.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-*ispringboard* mhux ser issir għaliex din tista tkun ta' periklu.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hemm bżonn li jsirilha *refurbishment* il-latrina ta' San Tumas.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nikbtu lil MTA rigward l-ispazju li qed jitolbu sabiex jindetifikawh fil-pjanti. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jsir dan ix-xogħol ta' titjieb kemm –il darba se jsir mil-MTA.

3.9 **<u>Laqgħa mas-Sur Debono u ċ-Chairman tal-Foundation for Tourism Zone Development:</u>**

Is-Sindku qal li kellhom laqgħa mar-rappreżentanti mill-*Foundation for Tourizm Zone Development* fejn spjegawlna illi kien hemm fondi allokati lill-Kunsill sabiex jsir *embellishment* u intgħażlu l-Kunsill ta' Marsaskala u l-Kunsill ta Buġibba. Huwa kompla jispjega illi ppreponew li jgħamlu *embellishment* tal-*promenade* iżda waqt il-laqgħa ssuġġerew illi jsir *embellishment* fi Pjazza Dun Tarċis Aguis billi jgħollu t-triq sabiex insolvu l-problema tal-ilma baħar li jinżamm fil-pjazza kull meta jitla l-livell tal-baħar.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fejn ser jitpoġġew d-dgħajjes jekk isir dan il-proġett.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li hija r-responsabbilta` ta'sid id-dgħajsa illi jsib post alternattiv. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill Lokali u l-Gvern Ċentrali mhumiex obbligati li jipprovdu post pubbliku lil dawn is-siden tad-dgħajjes.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk qednilhom bil-problema ta' quddiem is-Summer Nights peress li triq niżlet ħafna.

Is-Sindku wieġbu illi waqt il-laqgħa ma ssemmietx. Il-Perit tal-fondazzjoni għandu jiġi l-Kunsill biex nuruh il-post eżatt.

3.10 **<u>TRK159131- Propsal for the construction of agritoursim accomodation, darm amd greenhouses and installation of pontoon. Laqgħa ta' informazzjoni li ser issir il-MEPA dwar dan il-proġett:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi ser issir laqgħa fl-1 ta' Frar 2016 ġewwa l-Mepa fejn ser tingħata iktar informazzjoni fuq din l-applikazzjoni fil-ponta tal-Munxar fis-2pm.

Il-Kunsillier is-sur John. B Camilleri qal li fin-1996 kien hemm propost illi issir lukanda u konna oġġezzjonajna.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Mepa diġa qalu lil iżvilluppatur li hemm ħafna affarijiet ħżiena permezz tal-screening letter.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ressaq mozzjoni b'urġenza u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard issekondat.

*"Jipproponi illi l-pjanura tal-Munxar tibqa fi stat naturali. Din hija żona protetta u ODZ u għaldaqstant għanda tkun inkluża mal-park ta' Dellimara u tibqa titgawda mill-pubbliku"*

***Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

Il-Kunsill qabel unanimament li issir stqarrija stampa lill-media kollha.

3.11 **<u>Ħatra ta' bord ta' aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti ta' Parks and Gardens and soft area":</u>**

Il-Kunsill qabel unanimament illi jaħtar lil Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar, lis-Sur Joseph Mercieca u lil-Accountant lis-Sinjura Doreen Mintoff sabiex ikunu l-membri tal-bord ta' aġġudikazzjoni.

4.0 ***<u>Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:</u>***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq żewġ pagamenti illi daħlu tard

a) Home and Industry Supplier Ltd bin numru tal-invoice 4224 li jammonta għal €216.00
b) Is-Sur Walter Camilleri bin-numru tal-invoice 39 li jammonta għal €1097.40

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll illi rigward pagament #3268 is-Sindku għaddielna ċekk ta' €204 bħala *refund of expenses.*

4.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq pagament #3305.

Is-Segrtarju Eżekuttiv wieġbu illi din hija l-polza tal-assikurazzjoni l-assukirazzjoni tas-saħħa u ġiet irranġata fl-iskeda tal-pagamenti.

4.4 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq pagament #3250 għaliex qed jaraħ irħis ħafna.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li kien hemm żball u d-distribuzzjoni kienet għal-*leaflets* tat TCTC u ġiet irranġata l-iskeda tal-pagamenti

4.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq pagamenti #3242 u 3243 fuq xiex kienu dawn il-pagamenti tas-Sur Mathhew Attard.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li dawn kienu diversi xogħolijiet li kienu saru fil-latrini.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jitħalsu dawn il-pagamenti

**Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda.**

Il-Kunsill approva unanimament.

8.0 ***Mistoqsija:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija

9.0 ***Mozzjonijiet:***

9.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur John B Camilleri (#111 – 10/11/15) :**

*"Jipproponi sabiex nitolbu lil Transport Malta roads directory, sabiex kemm jistgħa jkun malajr titkompla Triq iż-Żinzell bit-tarmac peres li qeda fi stat ħażin ħafna u tintuża ta kuljum min ħafna ġenituri".*

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din l-ittra diġa intbagħtet u kellna risposta min-naħa tal-Ministeru għat-triq li se jipprivaw jinkludu lil Triq iż-Żinżell fi proġett tal-EU taħt toroq mhux urbani.

9.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur John B Camilleri (#112 – 15/1/16) :**

*"Jipproponi sabiex nagħmlu Triq San Guzepp fejn ma jinfidx kif titla it-tela min Triq Iż-Żonqor NO ENTRY FOR HEAVY VEHICLES għax ta sikwit qed ikun hemm ħafna problemi u incidenti".*

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu għal permess lil TMalta.

5.0 ***Data għal Laqgħa Pubblika Annwali:***

Il-Kunsill qabel unanimament illi il-laqgħa pubblika annwali issir nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2016 fis-6.00pm ġewwa l-Wasteserv.

10.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

10.1 Ma kienx hemm l-ebda informazzjoni mill-Kunsilliera

11.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-9.30p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2016 fis-6.00pm.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku